Il-Kummissjoni Ewropea

# Ikkontrolla l-identità **VIRTWALI TIEGĦEK**

## #GDPR

Ġunju 2019

Għal xi kumpaniji, komponent kbir mill-mudell kummerċjali tagħhom huwa li jiġbru d-data personali tiegħek u jaqsmuha ma' partijiet terzi. Ġeneralment dawn huma pjattaformi tal-midja soċjali, fornituri tas-servizzi tal-email, magni tat-tiftix u fornituri ta' softwer. Id-data li jiġbru tista' tmur lil hinn minn dak li taqsam b'mod attiv magħhom fuq il-profil pubbliku tiegħek. Dawn jistgħu wkoll jintraċċaw l-emails tiegħek, it-tfittxijiet fil-kalendarju, il-postijiet, il-messaġġi, il-paġni li int interessat fihom u l-gruppi li tieħu sehem fihom. B'din id-data, jistgħu jfasslu l-identità virtwali tiegħek skont l-interessi u l-preferenzi tiegħek. Dawn imbagħad jevalwaw l-identità virtwali tiegħek għal reklamar immirat.

Skont ir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-data li għandhom jiġu applikati minn Mejju 2018 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), meta l-ipproċessar tad-data personali tiegħek ikun ibbażat fuq il-kunsens tiegħek, dan il-**kunsens** irid ikun ibbażat fuq **deċiżjoni infurmata** u espress permezz ta' **azzjoni affermattiva** min-naħa tiegħek. F'Mejju 2018 jista' jkun li ġejt ikkuntattjat minn ħafna kumpaniji direttament biex taċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda tagħhom u tirrevedi s-settings tal-privatezza tiegħek. Aħna nħeġġuk ħafna biex taqra bir-reqqa t-termini u l-kundizzjonijiet, u ttejjeb is-settings tal-privatezza tiegħek biex b'hekk il-pjattaformi ma jipproċessawx u ma jiżvelawx data li m'intix lest li taqsam ma' partijiet terzi. Il-pjattaformi jaf ukoll talbuk il-kunsens tiegħek għall-ipproċessar ta' data personali addizzjonali li mhijiex meħtieġa għall-għoti tas-servizz. Dan il-kunsens għandu jingħata b'mod liberu, jiġifieri mhux jiddependi fuq l-għoti tas-servizz. F'kull każ tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin.



Ġustizzja u Konsumaturi

## IL-MAĠĠORANZA TAL-EWROPEJ JUŻAW ID-DRITT TAGĦHOM BIEX JIBDLU S-SETTINGS TAL-PRIVATEZZA

**Qatt ippruvajt tibdel is-settings tal-privatezza tal-profil personali tiegħek mis-settings awtomatiċi fuq netwerk soċjali online?**

Staqsejna lil 27,000 Ewropew dwar id-drawwiet tal-midja soċjali tagħhom. Filwaqt li l-maġġoranza tan-nies ippruvaw jibdlu s-settings tal-privatezza tagħhom, xorta waħda għad hemm proporzjon kbir li ma għamlux hekk. Ir-raġunijiet ewlenin għaliex ma għamlux dan huma jew li jafdaw il-pjattaforma tal-midja soċjali biex tipprovdi settings tal-privatezza xierqa, jew ma jafux kif jibdlu s-settings huma stess.




Sors: Ewrobarometru Speċjali 487b QB11, 2019

**Għaliex ma ppruvajtx tibdel is-settings tal-privatezza tal-profil(i) personali tiegħek?**




Sors: Ewrobarometru Speċjali 487b QB12b, 2019

## ID-DRITTIJIET TIEGĦEK SKONT IR-REGOLAMENT ĠENERALI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Xi jfisser dan fil-prattika?**

### Protezzjoni ta' Data b'mod awtomatiku

B'mod awtomatiku, l-unika data li għandha tiġi pproċessata u maħżuna għal żmien limitat, hija d-data meħtieġa sabiex tintuża l-pjattaforma. Id-data għandha tkun tista' tiġi aċċessata biss minn numru limitat ta' persuni awtorizzati. Għandu jkun f'idejn l-utent li jiddeċiedi jekk jagħmilx id-data tiegħu aċċessibbli għall-pubbliku. Il-kumpaniji huma obbligati li jiżguraw standard għoli ta' sigurtà fejn tidħol id-data personali tal-utenti tagħhom u għandhom iqisu r-riskji assoċjati mad-data li jżommu.

Meta tintalab għal kunsens l-għażla ta' inklużjoni fakultattiva jew esklużjoni fakultattiva għandha tingħata l-istess prominenza u l-inklużjoni fakultattiva ma għandhiex tiġi mmarkata b'mod awtomatiku.

### Informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data tiegħek

Int għandek id-dritt li tirċievi informazzjoni ċara dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Il-kumpaniji jridu jgħidulek liema data qed jipproċessaw u għal liema skopijiet qegħdin jipproċessawha.

Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tal-kumpanija għandhom jiġu ppreżentati lilek b'lingwa ċara u sempliċi. Għandu jkun faċli biex jiġi mifhum liema data qiegħda tiġi pproċessata, għal liema skop u ma' min id-data qiegħda tiġi maqsuma.

### Id-dritt li toġġezzjona

Int dejjem għandek id-dritt li toġġezzjona jekk organizzazzjoni qiegħda tipproċessa d-data personali tiegħek bl-iskop li tibgħatlek reklami mfassla apposta.

Jekk ma tixtieqx li tirċievi reklamar b'kummerċjalizzazzjoni diretta, tista' dejjem toġġezzjona. Dan ma għandux ifisser li ma għadx għandek aċċess għas-servizzi tal-pjattaforma online bħala tali. Jekk ikollok quddiemek għażla "jew hekk jew xejn", il-probabbiltà hija li dan huwa fi ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

### Aċċessa d-data kollha miżmuma dwarek

Int għandek id-dritt li titlob aċċess għad-data personali li organizzazzjoni għandha dwarek, mingħajr ħlas, u li tikseb kopja f'format elettroniku li jintuża normalment.

Int tista' titlob lil kwalunkwe kumpanija tibgħatlek kopja tad-data kollha li qatt ġabret dwarek. Meta tanalizza dan id-dokument, tista' tara jekk tħossokx komdu li l-kumpanija tiġbor din id-data dwarek.

### Id-dritt li tkun infurmat jekk id-data tiegħek tkun inkixfet

Il-kumpanija li tkun qiegħda żżomm id-data tiegħek trid tinforma lill-Awtorità nazzjonali tal-Protezzjoni tad-Data (DPA) jekk ikun hemm ksur tad-data. Jekk il-ksur joħloq riskju għalik, pereżempju, jekk id-dettalji tiegħek ta' karta ta' kreditu ġew esposti minn ksur u din id-data ma kinitx kriptata, allura trid tiġi infurmat personalment.

Jekk il-ksur ta' data jikkostitwixxi riskju kbir, il-kumpanija għandha tinforma lilek u lid-DPA nazzjonali mingħajr dewmien żejjed.

### Id-dritt li tkun minsi

Bid-dritt li tkun minsi tista' titlob lil kumpanija biex tħassar id-data personali tiegħek. Dan huwa bl-eċċezzjoni ta' ċirkostanzi fejn hemm raġuni leġittima biex tinżamm id-data, peress li huwa fl-interess tal-pubbliku li jkun jaf informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' figura pubblika, bħal figura politika jew Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

F'ċerti ċirkostanzi, tista' titlob lill-kumpanija biex tħassar id-data kollha li żżomm dwarek u li tħassar b'mod permanenti l-profil tiegħek.

# Tejjeb is-settings tal-privatezza tiegħek.

Kun żgur li qed tikkontrolla d-data
li taqsam fuq il-pjattaformi online.



**IR-REALTÀ MA TIKKORRISPONDIX GĦAR-REGOLI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA? RESSAQ ILMENT!**

Int tista’ tressaq ilment mal-**Awtorità nazzjonali tal-Protezzjoni tad-Data tiegħek.** L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data jistgħu jimponu firxa ta’ sanzjonijiet fuq kumpaniji, pjattaformi u organizzazzjonijiet, inkluż is-sospensjoni jew it-twaqqif tal-ipproċessar tad-data u jimponu multa sa EUR 20 miljun jew 4 % tal-fatturat globali annwali ta’ negozju.

**europa.eu/dataprotection**